



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Jannar 2023
(OR. en)

16115/22

LIMITE

CORLX 1181
CFSP/PESC 1726
COMEP 15
CSC 585

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/710

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' ...

**li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea
għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/710**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 u l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-25 ta' Novembru 1996, il-Kunsill qabel li jaħtar Mibgħut Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani.
- (2) Fid-29 ta' April 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/710¹ li taħtar lis-Sur Sven KOOPMANS bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani. Il-mandat tar-RSUE għandu jiskadi fit-28 ta' Frar 2023.
- (3) Jenħtieġ li l-mandat tar-RSUE jiġi estiż għal perjodu ieħor ta' 24 xahar u jenħtieġ li jiġi stabbilit ammont ta' referenza finanzjarja ġdid għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2023 sat-28 ta' Frar 2025.
- (4) Id-Deċiżjoni (PESK) 2021/710 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,
- (5) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-oġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/710 tad-29 ta' April 2021 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani (ĠU L 147, 30.4.2021, p. 12).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (UE) 2021/710 hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea

Il-mandat ta' Sven KOOPMANS bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani huwa estiż sat-28 ta' Frar 2025. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li l-mandat tar-RSUE jintemm qabel, fuq il-bażi ta' valutazzjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ).”;

- (2) fl-Artikolu 5(1), jinżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE għall-perjodu mill-1 ta' Mejju 2023 sat-28 ta' Frar 2025 għandu jkun ta' EUR 2 499 330,98.”;

- (3) fl-Artikolu 14, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“Ir-RSUE għandu jippreżenta lill-Kunsill, lir-RGħ u lill-Kummissjoni rapporti ta' progress regolari u rapport komprensiv finali dwar l-implementazzjoni tal-mandat sat-30 ta' Novembru 2024.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
